# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 55/2022: **PRINCESS OPERATIONS LIMITED (C86415) V. CATRIEL MIFSUD (KI. 182196M)**

(GURISDIZZJONI ESKLUSSIVA TAT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI TAHT L-ART. 75 TAL-KAP. 452)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**10 ta' Lulju 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Princess Operations Limited[1] ("ir-rikorrenti" jew "il-kumpanija rikorrenti") intavolat fid-9 ta' Marzu 2022 li permezz tiegħu talbet lil Qorti sabiex fil-konfront ta' Catriel Mifsud ("l-intimat"):

Prevja dikjarazzjoni ta' dina l-Onorabbli illi inti unilateralment itterminajt il-kuntratt ta' xogħol tiegħek ta' żmien definit datat 16 ta' Ottubru, 2020 mal-kumpannija esponenti,

(1) tiddikjara u tiddeċiedi illi inti debitur tal-kumpannija esponenti fl-ammont ta' ħdax-il elf, seba' mija u ħamsin Euro (€11,750) rappreżentanti l-ammont dovut minnek lill-kumpannija esponenti skond l-artikolu 36 (12) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta; u

(2) tikkundannak tħallas lill-kumpannija esponenti l-imsemmi ammont ta' ħdax-il elf, seba' mija u ħamsin Euro (€11,750);

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ippreżentata taħt l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru: 2401/2021 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru: 2333/2021, u bl-imgħaxijiet legali. Il-konvenut huwa minn issa stess inġunt in subizzjoni.

[1] Fol 1

wara li rat ir-risposta tal-intimat[2] ppreżentata fil-15 ta' Marzu 2023[3] li permezz tagħha laqa' għat-talbiet tar-rikorrenti kif ġej:

1. Illi l-konvenut qieghed jintavola din ir-risposta bil-beneficcju tas-servizz tal-Agenzija tal-Ghajnuna Legali.

2. Illi l-konvenut qieghed jopponi ghal dak li qieghed jigi allegat mis-socjeta' rikorrenti stante illi l-kuntratt referit huwa null *ab initio* u dana ghal fatt illi hu qatt ma kien inghata kuntratt bil-miktub dakinhar ta' meta beda l-impjieg tieghu mas-socjeta' rikorrenti. Di fatti minhabba f'hekk hu awtomatikament gie rregistrat bhala impjegat b'perjodu indefinit u mhux b'perjodu definit kif jghid l-istess kuntratt.

3. Illi jigi rilevat ukoll illi dan il-kuntratt tal-impjieg fil-verita' gie iffirmat fis-16 ta' Ottubru 2021 u mhux dik id-data li tirrizulta fuq l-istess kuntratt ossia dak tas-16 ta' Ottubru 2020.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut qatt ma kien nghata kopja ta' dan il-kuntratt. Meta l-konvenut kien iffirma l-istess kuntratt ta' dakinhar ta' 16 ta' Ottubru 2021 dana kienet saret biss sabiex is-socjeta' rikorrenti jkollha x'turi bil-miktub l-impjieg tal-istess konvenut.

5. Illi l-pattijiet u kundizzjonijiet tal-istess kuntratt qatt ma gew murija u/jew zvelati lill-konvenut u ffirma biss ghax kien gie sfurzat u mghedded illi jekk ma jiffirmax l-istess kuntratt ma jircevix il-paga ta' kull xahar. Fil-verita l-ewwel darba li ra dan il-kuntratt kien biss fis-16 ta' Ottubru 2021 u dana iktar minn sena ta' meta beda jahdem mas-socjeta' rikorrenti.

6. Illi jigi rilevat ukoll illi l-konvenut qatt ma kien inghata l-opportunita' sabiex jivverifika l-kontenut tal-istess kuntratt. Kien infurmahom ukoll illi hu ma jifhimx bil-lingwa Ingliza izda minkejja dan, l-istess socjeta' rikorrenti xorta baqghet tinsisti sabiex jiffirma dak li kellhu quddiemu dak il-hin stess.

[2] Fol 12
[3] Fol 19-20

7. Illi naturalment minhabba dan in-nuqqas, il-konvenut qatt ma kien gie avzat u/jew infurmat bl-allegati penali jew kien konxju illi verament jezistu. Il-konvenut jerga' jaghmel emfazi illi l-unika raguni ghaliex iffirma dan il-kuntratt kien biss ghax ma kellhux ghazla ohra ghax kien jiddependi hafna fuq il-paga tieghu.

8. Illi l-istess konvenut ibghati minn hafna kundizzjonijiet medici inkluz ansjeta u dipressjoni li sfortunatament kienu qieghdin jaffettwaw il-prestazzjoni tieghu fuq ix-xoghol kemm fizikament u kemm mentalment. Kien ghalhekk biss illi l-konvenut ma setghax ikompli x-xoghol tieghu. Illi jigi zvelat ukoll illi s-socjeta' rikorrenti kienet konxja bil-kundizzjoni tal-istess konvenut, anke permezz ta' diversi certifikati medici li jirrizultaw il-kundizzjoni tieghu.

9. Illi l-konvenut jixtieq jaghmel referenza wkoll ghal fatt illi s-socjeta' rikorrenti kienet xtaqet li l-konvenut jerga' jkun impjegat tas-socjeta' rikorrenti u dana wara dak kollhu li kien sehh u ghalkemm kienu wiehduh sabiex il-karti jkunu lesti hu qatt ma rcieva risposta lura u wara dakinhar qatt ma rega' kellhu kuntatt mas-socjeta' rikorrenti. Minflok ircieva dan l-avviz fejn qieghed jigi allegatament ikkundannat illi kiser xi wiehed mill-kundizzjonijiet tal-impjieg tieghu.

10. Salv risposti ulterjuri.

wara li rat li fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2023, wara li l-Qorti ssollevat *ex-officio* l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tagħha *rationae materiae* sabiex tisma' l-kawża stante illi din titratta kwistjoni li taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali, stiednet lill-avukat rispettivi sabiex jittrattaw fuq din il-kwistjoni fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2023[4],

wara li rat li fis-seduta tal-lum 10 ta' Lulju 2023 l-avukat difensur tar-rikorrenti talab lill-Qorti sabiex titrasferixxi l-atti tal-kawża lit-Tribunal Industrijali ai termini tal-Art. 741(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta[5],

qed tagħti din is-

**Sentenza**

1. Il-kawża tikkonċerna ammont ta' **<u>€ 11,750</u>** li l-kumpanija rikorrenti tgħid li huwa dovut lilha mill-intimat ai termini tal-Art. 36(12) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta wara li dan ttermina unilateralment il-kuntratt ta' xogħol definit tiegħu datat 16 ta' Ottubru 2020 minn magħha.

2. L-Art. 36(12) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi kif ġej:

[4] Fol 25
[5] Fol 32

> **‘36 (12). Impjegat li jitlaq mis-servizz tal-prinċipal tiegħu qabel iż-żmien speċifikat fil-kuntratt ta’ servizz għandu jħallas lill-prinċipal tiegħu somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li għaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa’ fis-servizz għall-bqija taż-żmien hekk espressament miftiehem ...’**

3. Ai termini tal-Art. 741(b) tal-Kap. 12:

> **‘741. L-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tista’ tingħata -**
> **...**
> **(b) meta, għalkemm ta’ ġurisdizzjoni tal-qrati ta’ Malta, il-kawża tinġieb quddiem qorti diversa minn dik li għandha tieħu konjizzjoni tagħha ...’**

4. Inoltre ai termini tal-Art. 730 tal-Kap. 12:

> **‘730. L-eċċezzjoni ta’ <u>inkompetenza</u> jew ta’ illeġittimità ta’ persuna, u l-eċċezzjonijiet ta’ transazzjoni, arbitraġġ, res judicata, preskrizzjoni jew nullità ta’ atti, għandhom jiġu deċiżi b’kapi għalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu.’**

5. Għalkemm l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-Qorti ma tqajjmitx mill-intimat fid-difiża tiegħu, din il-Qorti ssollevata *ex-officio* stante illi kwistjoni bħal din hija waħda ta’ ordni pubbliku li tista’ u anzi għandha titqajjem mill-Qorti *sua sponte* malli tiġi għall-attenzjoni tagħha.

6. Id-determinazzjoni ta’ din l-eċċezzjoni timxi qabel l-oħrajn kollha, għaliex huwa evidenti li jekk din l-eċċezzjoni tintlaqa’, ma jkunx hemm il-ħtieġa li l-Qorti tkompli tqis it-talbiet tar-rikorrenti u l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-intimata.

7. L-Artikolu 75 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta’ Malta, li jirregola l-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali, jipprovdi kif ġej:

> **‘75.(1) Minkejja kull ma jinsab f’kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeċiedi -**
>
> **(a) il-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta;**
>
> **(b) it-talbiet kollha magħmula skont is-subartikoli (11) u (12) tal-artikolu 36 tal-Att, għall-ammonti li jistgħu jiġu dovuti lil ħaddiem jew prinċipal wara temm ta’ kuntratt**

**ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss qabel id-data ta'tmiem it-terminu definittivament speċifikat fil-kuntratt; u**

**(ċ) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu,**

**għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra ...'**

8. Kif ingħad mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Mary Doris sive Doris Camilleri v. St Paul's Court Limited et.</u>** (PA, Ċit Nru. 2019/2001/1 JRM, 25/09/2003):

*"ġie għadd ta' drabi mfisser mill-Qrati tagħna li l-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal hija biss eċċezzjoni għall-ġurisdizzjoni ġenerali u aktar wiesgħa (imsejħa "ġurisdizzjoni ordinarja") li jħaddnu dawn il-Qrati, u l-imsemmija ġurisdizzjoni speċjali, mnissla minn dispożizzjoni ta' liġi speċjali, m'għandhiex titħalla toħroġ lil hinn mil-limiti stretti mfissra f'dak il-liġi speċjali"*

9. Inoltre kif ingħad fis-sentenza ċitata mill-avukat difensur tal-intimat waqt it-trattazzjoni tagħha, dik mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fl-ismijiet: **<u>Farrugia Textiles Limited v. Ian Attard</u>** (Talba Nru 109/2022 JG, 25/11/2022):

*"minn qari tal-artikolu 75(1)(b) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta magħdud ma' dak li jridu l-artikoli 36(11) u 36(12) tal-istess Kapitolu, hekk kif emendat, u kif in huwa in vigore llum (u kif kien fil-mument tal-preżentata tal-azzjoni odjerna) huwa ċar li l-għan aħħari tal-leġislatur (għalkemm jidher li għad hemm xi problemi fl-aspetti tranżitorji tal-istess emendi) kien li din l-azzjoni bbażata fuq dan it-tip ta' kuntratt tinstema biss quddiem Tribunal speċjalizzat. Illi b'hekk, ġialadarba l-leġislatur ried li jkun it-Tribunal Industrijali li jisma' azzjonijiet bħal dik odjerna, dan it-Tribunal ma jistax jissokta aktar bis-smiegħ tal-kawża. Illi per kompletezza mbagħad, jingħad li f'dan il-każ partikolari ma hemm l-ebda djalogu neċessarju dwar xi aspett tranżitorju tal-emendi hawn issa applikati."*

10. Kif qal tajjeb it-Tribunal għal Talbiet Żgħar fil-kawża appena ċitata, wara l-introduzzjoni tal-paragrafu ġdid fl-Art. 75 tal-Kap. 452 li ġie inserit bħala Art. 75(1)(b) permezz tal-Att LVIII tal-2020, issa huwa ċar (fejn qabel ma kienx daqstant) li azzjoni minn min iħaddem kontra l-impjegat tiegħu li jabbanduna kuntratt t'impjieg definit u azzjoni ta' impjegat kontra min iħaddmu li jkeċċih qabel l-iskadenza ta' kuntratt t'impjieg definit, għall-ħlas ta' kumpens ta' nofs is-salarju

għaż-żmien li jkun baqa', taqa' taħt il-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali.

11. Għalhekk it-talba tal-kumpanija rikorrenti għall-kumpens taħt l-Art. 36(12) tal-Kap. 452 hija talba li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali.

12. Il-Qorti sejra għalhekk tapplika d-disposizzjonjiet tal-Art.741(b) tal-Kap. 12 billi fl-interess tal-ekonomija tal-ġudizzju titrasferixxi l-atti lit-Tribunal Industrijali sabiex dan jieħu konjizzjoni tagħha. Dan sejjer isir permezz ta' digriet *in camera* li ser jingħata kontestwalment ma' din is-sentenza parzjali.

**Deċiżjoni**

13. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi illi m'għandiex kompetenza *"ratione materiae"* sabiex tisma' din l-kawża li għandha minflok tinstema' mit-Tribunal Industrijali.**

    **L-ispejjeż huma a karigu tal-kumpanija rikorrenti.**

V.G. Axiak | Y.M. Pace

Maġistrat | Dep. Reġistratur